MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Numru 1001/2003

**Il-Pulizija**

**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Marco Vassallo**

**Illum 26 ta' Frar, 2004.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Marco Vassallo,** bin Henry u Caterina *nee'* Cremona, mwielda Pieta fid-9 t'Ottubru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita numru 486579M u residenti 'Johema', Triq il-Bergamott, Mosta;

Talli fl-4 ta’ Novembru, 2003, ghall-habta ta’ bejn n-12.00p.m u 12.30p.m., waqt li kont qighed isuq karozza bin-numru tar-registrazzjoni DAE-418 ta ghamla Toyota MR2 matul il-Bypass tal-Mellieha, b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni, jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma karozza bin-numru tar-registrazzjoni RIT-080 ta’ l-ghamla Peugeot 206 u kkagunajt offizi ta’ natura gravi fuq il-persuba ta’ Jason Tonna u dan billi gibtlu sfregju gravi u permanenti f’wahda mill-idejn tieghu u dan skond ma ddikjara it=Tabib A. Drago ta’ l-Siptar San Luqa;

Talli fl-istess data, hin, lok u bl-istess cirkostanzi kkaguna hsara fuq karozza bin-numru tar-registrazzjoni RIT-080 ta’ l-ghamla Peugeot 206 u dan ghad-danni ta’ John Pace minn Haz=Zebbug (Malta).

Talli fl-istess data, hin u lok soqt l-imsemmija vettura b’sewqan eccessiv, b’manjiera, traskurata u perikoluza u kontra l-‘give way’.

Il-Qorti hija mitluba li f’kaz ta’ kundanna, tiskwalifika lill-imputat mil-licenzji tas-sewqan kollha tieghu jew milli jottjeni xi licenzja ohra tas-sewqan.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali tad-19 ta’ Dicmebru, 2003, sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bi procedura sommarja skond l-artikolu 370 (4) Kap 9, u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Senghet il-provi.

Semghet  ukoll l-ammissjoni ta’ l-imputat.

Rat l-atti tal-kawza.

Fuq ammissjoni ssibu hati ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 15 (1) (a), 226 (a), 328 (b) u (d) Kap 9, u AL 94/69.

Tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sena mil-lum skond l-artikolu 22 Kap 446. Tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------